Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9582 — Siemens Gamesa Renewable Energy/Senvion (European onshore wind turbine service)/Ria Blades)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 382/11)

1. Fil-31 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Siemens Gamesa Renewable Energy, S.A. ("SGRE", Spanja), ikkontrollata minn Siemens AG (il-Ġermanja),

— In-negozju Ewropew ta' servicing fuq l-art ta' Senvion GmbH ("Senvion", il-Ġermanja) għall-parks eoliċi inklużi l-assi relatati kollha, kif ukoll il-faċilitajiet ta' Senvion f'Vagos (il-Portugall) u Oliveira de Frades (il-Portugall) għall-manifattura ta' blades għat-turbini tar-riħ, li bħalissa huma mħaddma minn Ria Blades S.A., (kollha flimkien, "in-Negozju fil-Mira ta' Senvion").

SGRE takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tan-Negozju fil-Mira ta' Senvion.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' assi u xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SGRE hija fornitur ta' soluzzjonijiet ta' enerġija mir-riħ u l-attivitajiet tagħha huma maqsuma fi tliet segmenti ta' negozju: Enerġija mir-Riħ fuq l-Art, Enerġija mir-Riħ fuq il-Baħar u Servizzi fuq il-Baħar; SGRE nħolqot f'April 2017 billi Siemens Wind Power ingħaqdet ma' Gamesa Corporación Tecnológica,

— In-Negozju fil-Mira ta' Senvion huwa l-parti l-kbira tan-negozju ta' servicing Ewropew fuq l-art tas-Senvion Group, l-IP u l-IT kollha tas-Senvion Group u l-faċilitajiet kollha ta' Senvion f'Vagos (il-Portugall) u Oliveira de Frades (il-Portugall) għall-manifattura ta' blades għat-turbini tar-riħ, li bħalissa huma mħaddma minn Ria Blades S.A., sussidjarja tas-Senvion Group; In-negozju ta' servicing fuq l-art jikkonsisti f'servizzi differenti, bħalma huma l-manutenzjoni regolari, il-monitoraġġ mill-bogħod, skambji ta' spare parts u spezzjonijiet tal-blades; in-Negozju fil-Mira ta' Senvion ma jinkludix in-negozju ta' Senvion tal-manifattura tat-turbini tar-riħ, u lanqas in-negozju proprja tal-manifattura tal-blades ta' Senvion (iż-żewġ faċilitajiet biss li jimmanifatturaw il-blades).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9582 — Siemens Gamesa Renewable Energy/Senvion (European onshore wind turbine service)/Ria Blades

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").